MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-12 ta' Frar, 2015

Numru 1160/2014

**Pulizija**

**Spettur Fabian Fleri**

**Vs**

**Christopher Sammut**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Christopher Sammut ta’ 35 sena, bin Anthony u Maria Dolores nee’ Portelli, mwieled Pieta’ fit- 23 ta’ Awwissu 1979, residenti 20, Triq San Pawl, Marsa u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 387879M;

Talli;

1) Bejn is- 26 ta’ Gunju 2007 u t- 13 ta’ Awwissu 2007 minn gewwa l-bini li kien tal- Mirage Hotel li jinsab Triq John Borg Msida ikkommetta serq ta’ oggetti ghad- dannu ta’ George Muscat u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil- mezz u bl- ammont li ma jeccedix is- somma ta’ €2,329.40;
2) Aktar talli sar recidiv b’ sentenzi tal- Qorti tal- Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar istadju bikri f’dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi, u wara li l-imputat gie mwissi solennement minn din il-Qorti dwar il-konsegwenzi li din l-ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 261(b)(c), 263(a), 267, 278(2), 49 u 50 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tordna hrug ta' Ordni ta' Probation ghal sentejn ai terminu tal- Artikolu 7 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------